**DISKORS TA' GĦELUQ, MILL-ONOR. LAWRENCE GONZI, PRIM MINISTRU, TAL-KONFERENZA NAZZJONALI: *'L-EWROPA TA' GĦADA – WARA L-VOT TAL-IRLANDA',* ORGANIZZATA MILL-M.E.U.S.A.C. - SAN ĠILJAN – 9 T'OTTUBRU 2009**

Onorevoli Membri Parlamentari
Mistiedna distinti
Sinjuri

Nixtieq nibda billi nifraħ lill-MEUSAC għall-organizzazzjoni ta' din il-konferenza daqstant viċin ir-referendum li għadu kif sar proprju ġimgħa ilu fl-Irlanda u f'mument importanti ferm, jekk mhux ukoll storiku, għall-Ewropa.

L-għażla li għadha kif għamlet l-Irlanda għandha tifsira kbira. Kienet għażla tajba għall-Irlanda, iżda għażla tajba wkoll għall-Ewropa u għal Malta.

Huwa veru li l-effetti ta' dan it-Trattat huma xi ħaġa li għad se narawhom fil-futur. Iżda meta nħarsu lejn il-passat, naraw li d-deċiżjoni li ħadu l-Ewropej flimkien kienu bla dubju deċiżjonijiet għaqlin li saħħew l-għaqda fl-Ewropa iżda li saħħew ukoll l-interess kemm komuni Ewropew kif ukoll l-interess nazzjonali tal-pajjiżi involuti.

U forsi huwa proprju dan wieħed mill-akbar suċċessi tal-Ewropa li ftit li xejn nirriflettu fuqu, ċoè, li rnexxielha tul is-snin issaħħaħ kemm l-interess komuni Ewropew kif ukoll l-interess nazzjonali ta' kull pajjiż membru. Fil-fatt, il-proċess ta' għaqda Ewropea wera li huwa tassew possibbli li l-interess komuni u l-interess nazzjonali jimxi 'l quddiem id f'id, flok kif kien iseħħ qabel, li interess wieħed irid bilfors jirbaħ fuq l-ieħor.

Il-konflitti fl-Ewropa ta' matul is-sekli li għaddew ġabu ħafna tbatija, mewt, u tibdil fil-bilanċ tal-poter fl-Ewropa. U ridna jew ma ridniex, Malta dejjem kienet tispiċċa fil-qalba ta' dawn il-konflitti jew inkella kienet tiġi affettwata b'mod qawwi.

Fost affarijiet oħra, iż-żewġ gwerer li ra s-seklu għoxrin urew kemm huma perikolużi n-nazzjonaliżmu u l-idea li biex jimxi fil-ħajja, kull stat għandu jagħfas biss fuq l-interessi tiegħu u jagħmel biss dak li jaqbillu akkost ta' kollox u a skapitu ta' kulħadd.

Nafu lkoll li s-sitwazzjoni laħqet punt fejn kien jidher biċ-ċar li jrid ikun hemm il-kooperazzjoni u s-solidarjetà biex ikun hemm il-paċi.

Huwa f'dan il-kuntest li l-idea ta' Ewropa magħquda sabet postha bħala alternattiva għall-konflitti ta' qabel. U m'hemm l-ebda dubju li ż-żmien u l-esperjenza taw lil din l-idea raġun kbir

Bil-mod il-mod, kemm fl-Ewropa kif ukoll f'Malta, il-ġenerazzjoni li għexet it-Tieni Gwerra Dinija qiegħda tbatti filwaqt li qegħdin jidħlu ġenerazzjonijiet li ma jafu xejn għajr era ta' paċi, b'eċċezzjoni ta' xi ftit reġjuni.

U dawn il-ġenerazzjonijiet ma jistgħux jieħdu din il-paċi *for granted.* Biżżejjed inħarsu lejn kontinenti oħra bħall-Afrika, biex naraw l-importanza ta' dak li rnexxielna nagħmlu u nibnu bħala Ewropej.

Għaldaqstant, għandna kull interess, kemm politiku, iżda anki ekonomiku u soċjali, li nkomplu mmexxu l-proġett Ewropew 'il quddiem bis-saħħa. U huwa f'dan il-kuntest li jidħol id-dibattitu dwar dan it-Trattat ta' Lisbona, bħala strument ieħor, fost oħrajn, ta' paċi, progress u għaqda fl-Ewropa.

L-Ewropej għad għandhom ħafna affarijiet li jifirduhom u li jagħmluhom differenti. Hemm differenzi fil-lingwa, fil-kultura, fl-ekonomija, fit-tradizzjonijiet u fil-mod ta' kif jiggvernaw ruħhom ukoll.

Iżda minkejja dan, hemm ħafna aktar li jgħaqqadhom milli jifridhom. L-integrazzjoni ekonomika u soċjali li seħħet mill-bidu tal-UE 'l hawn, ġabet il-bżonnijiet u l-prijoritajiet tal-Ewropej aktar viċin xulxin. Illum il-ġurnata nistgħu nirringrazzjaw 'l Alla li r-riskju tal-gwerer bejnietna wieħed lanqas biss jasal jaħseb fih.

Iżda minkejja dan xorta għandna sfidi oħra. Dawn huma l-isfidi tal-ġenerazzjoni tagħna – fost affarijiet oħra l-isfidi ekonomiċi, finanzjarji, l-isfida tax-xogħol, it-terroriżmu, l-immigrazzjoni u l-ambjent.

L-esperjenza qed turina li l-ebda pajjiż ma jista' jeħlisha mill-isfidi tal-lum. L-ebda pajjiż ma' jista' jiddikjara ruħu li għandu xi *status* speċjali biex ikun eżenti mill-problemi tad-dinja. U l-ebda pajjiż, kbir kemm hu kbir, ma jista' jibqa' waħdu u jsolvi kollox waħdu.

Illum problemi u avvenimenti li jseħħu eluf ta' kilometri 'l bogħod minna jaffettwaw il-ħajja tagħna ta' kuljum, irridu jew ma rridux. Il-kriżi umanitarja fl-Afrika tinżel fuqna bl-isfida tal-immigrazzjoni. Il-piraterija 'l hinn mix-xtut tas-Somalja turi l-istat ta' anarkija li jinsab fiha dan il-pajjiż u dan jispjega għaliex numru sostanzjali ta' immigranti li jaslu hawn, jaslu proprju minn dan il-pajjiż. Gwerra fil-Lvant Nofsani taffettwa l-kont tad-dawl li rridu nħallsu. U kriżi finanzjarja li tibda fl-Istati Uniti taffettwa l-istabbilità tas-suq tax-xogħol tagħna.

Ejja ma nilludux ruħna li aħna l-Maltin nistgħu ningħalqu ġo xi bozza u nistgħu nkunu awtomatikament meħlusa minn kull għawġ.

Dawn huma sfidi li rridu naffrontawhom bħal kulħadd. U issa bħal qatt qabel għandna bżonn lil xulxin. Dawn huma problemi komuni li għandhom bżonn ta' soluzzjoni komuni.

F'Malta għandna l-isfidi tal-immigrazzjoni, tal-ambjent u tax-xogħol. Jeħtieġ għaldaqstant nużaw il-mezzi li jagħtina t-Trattat ta' Liżbona biex naffrontaw dawn l-isfidi u negħlbuhom ma' ħaddieħor.

U dan huwa l-vantaġġ ta' dan it-Trattat: li se jippermettilna nikkooperaw bħal qatt qabel biex naffrontaw u negħlbu dawn il-problemi flimkien u b'vuċi waħda. U għax inkunu aktar flimkien naslu aktar malajr.

U t-trattat fin-natura tiegħu joħloq bilanċ: fuq naħa waħda ta' Unjoni Ewropea aktar profonda u magħquda, iżda fuq in-naħa l-oħra Unjoni li tħares it-tradizzjonijiet u l-kulturi diversi tal-pajjiżi membri u tħallilhom l-ispazju biex iżommu dak li jiddistingwihom bħala nazzjon differenti minn ieħor.

Bit-Trattat se nagħmlu affarijiet li l-ebda Pajjiż Membru ma kien qatt joħlom li jagħmel waħdu. Se nkunu qegħdin f'pożizzjoni li ninfluenzaw aktar il-globalizzazzjoni u d-dinja ta' madwarna, minflok li nkunu biss suġġetti passivi li nilqgħu kull ma jiġi lejna.

F'din il-konferenza tkellimtu ħafna fuq it-tibdil li se jġib dan it-Trattat u fuq kif se jaħdem u għalhekk ma nħossx li fl-ahhar għandi noqgħod nerġa' nidħol fid-dettall ta' dan kollu.

Iżda li nista' naċċenna huwa li t-Trattat ta' Liżbona jirriforma l-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jagħmel lill-istess Unjoni aktar effettiva fil-ħidma tagħha. Għax wieħed kif jista' jaffronta l-isfidi tal-globalizzazzjoni ta' dan is-seklu bl-għodda u l-istituzzjonijiet tas-seklu li għadda?

Terġa' għalina, il-Maltin, it-Trattat mhux biss se jagħmel l-UE aktar effettiva iżda se jsaħħaħ il-vuċi Maltija fi ħdan sistema aktar effettiva. Jiġifieri jaqblilna doppjament. U meta ngħid li tissaħħaħ Malta nfisser li jaqbillu ċ-ċittadin Malti. Ħalli nfakkar fi tliet eżempji li juri li l-vuċi tagħna se tissaħħaħ.

L-ewwel, li permezz tat-Trattat, se jkollna sitt siġġijiet flok ħamsa fil-Parlament Ewropew. Meta wieħed jieħu l-proporzjoni tas-siġġijiet mal-popolazzjoni ta' Stat Membru jsib illi ċ-ċittadin Malti se jsir l-aktar ċittadin rappreżentat f'din l-istituzzjoni.

Dan huwa importanti mhux biss għax se nżidu siġġu fil-Parlament Ewropew iżda anki għaliex il-poteri tal-Parlament Ewropew se jiżdiedu bil-kbir. Għaldaqstant għandna kull interess li fil-Parlament Ewropew ikollna membri li jimbuttaw l-interessi tagħna kif il-gvern jagħmel fil-Kunsill tal-Ministri.

Il-fatt li l-Parlament Ewropew se jżid il-poteri tiegħu għandna narawh bħala pass pożittiv għaliex hemm ċerti kwistjonijiet u jinqalgħu ċerti ċirkustanzi fejn jekk neħlu jew insibu reżistenza fil-Kunsill tal-Ministri, inkunu nistgħu nistrieħu fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew.

U dwar il-Parlament Ewropew, ippermettuli li nfakkar li grazzi għall-pressjoni ta' Malta li jkun hemm minimu ta' sitt siġġijiet għal kull pajjiż membru, mistennija jiggwadanjaw ukoll pajjiżi oħra, bħall-Islanda li issa applikat biex tissieħeb u li se tingħata sitt siġġijiet fil-Parlament anki jekk għandha żewġ terzi tal-popolazzjoni tagħna.

It-tieni, se jingħata wkoll rwol ferm akbar lill-Parlamenti Nazzjonali biex deċiżjoni li ssir fuq livell Ewropew tittieħed aktar viċin l-individwu. B'hekk il-Parlamenti Nazzjonali se jingħataw rwol akbar fit-tiswir tal-liġijiet. Jekk terz tal-Parlamenti kollha Nazzjonali jaħsbu li proposta leġiżlattiva tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni jkollha d-dmir terġa' teżamina kollox u tiddeċiedi jekk tagħmilx tibdiliet jew inkella tirtirax il-proposta tagħha.

U t-tielet, infakkar ukoll li bit-Trattat ta' Liżbona, Malta se żżomm Kummissarju fil-Kummissjoni Ewropea bħal Stati Membri oħra li huma ħafna akbar minnha. Infakkar li minħabba ftehim li kien sar

qabel ma Malta saret Membru (it-Trattat ta' Nizza) in-numru ta' Kummissarji kellu jiġi ridott. Iżda issa, permezz ta' Liżbona, kull Stat se jitħalla jkollu l-Kummissarju tiegħu.

Il-fatt li t-Trattat ta' Lisbona se jagħmel Unjoni Ewropea aktar effettiva huwa fl-interess tagħna għaliex aħna għandna kull interess li nkunu membri ta' Ewropa li hija effettiva u li tasal, speċjalment f'dawk l-oqsma li nafu li ma nistgħux naslu waħedna. Terġa', il-fatt li t-Trattat ta' Liżbona jsaħħaħ il-vuċi ta' pajjiżna fl-istituzzjonijiet differenti, kif għadni kif spjegajt, ikompli jkattar is-sovranità tagħna, għaliex inkunu f'pożizzjoni aħjar li negħlbu l-isfidi li, għax ngħixu f'dinja globalizzata, waħedna ma nistgħux negħlbu.

Sinjuri

Jiena rrid li l-Ewropa ta' għada wara l-vot fl-Irlanda tkun Ewropa aktar b'saħħitha u aktar effettiva. Jiena rrid li l-Ewropa ta' għada tkun Ewropa anqas mitlufa fuq l-istrutturi interni tagħha u kif se tieħu d-deċiżjonijiet li għandha tieħu u aktar iffukata fuq l-azzjoni li għandha tieħu. Jiena rrid li l-Ewropa ta' għada tkun Ewropa li kapaċi tqum fuq saqajha quddiem l-isfidi globali u quddiem il-pajjiżi ġganti tad-dinja globalizzata, bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Indja.

Jiena nkun kburi li nkun parti minn din l-Ewropa u jien nixtieq li daqstant ieħor kulħadd iħossu kburi, bħala Malti, li aħna parti minn din l-Ewropa ta' għada.

Ovvjament, kif kulħadd jaf, minkejja r-referendum fl-Irlanda għad baqa' xi ostakli żgħar x'jinqabżu fil-proċess ta' ratifika qabel ma t-Trattat ikun jista' jidħol fis-seħħ. Jien nilqa' bil-ferħ id-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka li l-bieraħt lura ħabbar li pajjiżu għandu jlesti r-ratifika sa l-aħħar tas-sena.

Però żgur li fl-okkażjoni tal-lum ma nistax ma nagħlaqx mingħajr ma nsellem lill-poplu Irlandiż għar-riżultat konvinċenti tiegħu tal-ġimgħa li għaddiet u f'isem il-poplu Malti u Għawdxi kollu niddikjara l-apprezzament tiegħi. Għaliex ir-riżultat fl-Irlanda kien tajjeb għall-Irlanda, iżda kien tajjeb ukoll għall-Ewropa u tajjeb għal Malta. Grazzi.

**DOI – 09.10.2009**